



BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAPPORT DWAR IL-PROGRESS TAT-TARGET2

### Introduzzjoni

Fl-24 ta' Ottubru 2002, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ħa deċiżjoni dwar l-istrateġija fuq żmien twil għat-TARGET (TARGET2). Il-punti ewlenin ta' din id-deċiżjoni ġew ippublikati fi stqarrija għall-istampa fl-istess ġurnata. Dawn ikkonsidraw konsolidazzjoni teknika tas-sistema tat-TARGET, struttura waħda fl-Ewrosistema kollha għall-pagamenti interni u dawk bejn il-pajjiżi membri, u livell ta' servizz armonizzat. Fis-16 ta' Diċembru 2002, inbdiet konsultazzjoni pubblika dwar ta' dokument intitolat "TARGET2: principles and structure" u fit-13 ta' Lulju 2003 il-kummenti li saru ġew ppublikati fil-qosor.

Fit-28 ta' Lulju 2003, tliet banek ċentrali, jiġifieri l-Banque de France, il-Banca d'Italia u d-Deutsche Bundesbank, informaw lill-President tal-BĊE li kienu lesti biex flimkien jipprovdu l-bażi għall-Pjattaforma Unika Bejn Kulħadd (*Single Shared Platform SSP*) billi jużaw dawk il-partijiet l-addattati ta' l-infrastruttura tat-TARGET 1 tagħhom flimkien ma' l-iżviluppi *ad hoc* neċessarji (jiġifieri l-hekk imsejjaħ prinċipju ta' "kostruzzjoni modulari"). Sa tmiem l-2003, il-banek ċentrali ta' l-Ewrosistema kienu esprimew ir-rieda tagħhom li jissiehu ma' l-SSP, bil-patt u l-kundizzjoni li jkun hemm iżjed elaborazzjoni dwar kwistjonijiet ta' governanza, spiża u finanzjament. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Ewrosistema bbażat ix-xogħol li kien għad fadal fuq il-proġett billi assumiet li t-TARGET2 kellha tiġi msawra bħala pjattaforma unika bejn kulħadd.

F'dak li jirrigwarda l-karatteristiċi u l-funzjonalità tat-TARGET2, il-komunità li tagħmel użu mit-TARGET ġiet mistiedna biex tipprovdi kummenti dwar abbozz ta' l-Ispesifikazzjonijiet Ġenerali Funzjonali (*General Functional Specifications – GFS*) għall-SSP, u wara d-dokument ġie ffinalizzat u approvat mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE fit-22 ta' Lulju 2004.

Ir-rapport kurrenti jispjega f'iżjed dettal numru ta' kwistjonijiet li kellhom jiġu magħluqa sabiex kull bank ċentrali jkun jista' finalment jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fis-SSP. L-ewwel sezzjoni tindirizza kwistjonijiet pendenti li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi tat-TARGET2, jiġifieri fond komuni ta' likwidità, iż-żamma ta' kontijiet fi ħdan il-banek ċentrali (*home accounts*), u ħlas dovut minn sistemi anċillari. It-tieni sezzjoni tittratta dwar l-ipprezzar tat-TARGET2. It-tielet sezzjoni tittratta dwar kwistjonijiet ta' transizzjoni. Fl-aħħar, ir-raba' sezzjoni tipprovdi iżjed tagħrif dwar il-pjan għall-proġett tat-TARGET2.

## **1. Is-servizz tat-TARGET2**

### **1.1 L-użu komuni tal-likwidità fl-istess jum minn fond ta' numru ta' kontijiet.**

L-użu komuni tal-likwidità fl-istess jum minn fond ta' numru ta' kontijiet permezz ta' kont virtwali (hawn iżjed il-quddiem imsejjaħ likwidità minn fond ta' numru ta' kontijiet) ser jippermetti lill-parteċipanti fit-TARGET2 li jgħaqqdu (ffit mill-) kontijiet tal-RTGS tagħhom, u li jutilizzaw il-likwidità fl-istess jum fuq numru fuq l-imsemmija kontijiet għall-benefiċċju tal-membri kollha tal-fond. Kull membru ta' grupp ta' kontijiet jista' għalhekk jagħmel pagamenti mill-kont tiegħu, sas-somma ta' likwidità disponibbli fl-istess jum fil-kontijiet tal-grupp. Minflok li tittrasferixxi l-likwidità għall-kont fejn din tkun meħtieġa, struttura legali soda tiżgura li l-pożizzjoni tad-debitu f'kont wieħed mill-grupp tiġi garantita matul il-jum permezz tal-flus disponibbli fil-kontijiet l-oħra tal-grupp. Fi tmiem-il ġurnata, proċedura ta' twittija – jew magħmulha mill-maniġer tal-grupp ta' kontijiet innifsu, jew, jekk ikun hemm bżonn, awtomatikament mis-sistema – ser tipprowa toħloq bilanċ pożittiv għall-kontijiet kollha tal-grupp u tiżgura li l-bilanċi tal-kontijiet jirrispettaw xi limiti ta' kontijiet negattivi li jista' jkun hemm.

L-Ewrosistema tisħaq li l-provvediment tal-karatteristika ta' l-użu komuni tal-likwidità fl-istess jum fuq numru ta' kontijiet hi biss kwistjoni ta' sistemi ta' pagamenti li m'għandhiex twassal fiċ-ċentralizzazzjoni tat-tmexxija ta' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja.

#### **1.1.1 L-amministrazzjoni tal-likwidità**

Il-karatteristika tal-likwidità fuq numru ta' kontijiet ser tikkontribwixxi biex it-TARGET2 u sistemi anċillari oħra li jħallsu fit-TARGET2 jitħaddmu mingħajr problemi. Minħabba d-disponibbiltà tal-likwidità kollha fil-kontijiet tal-grupp, jista' jkun il-każ li jkun hemm inqas bżonn ta' kreditu fl-istess jum. B'riżultat ta' dan, jitnaqqsu kemm il-bżonn ta' garanziji kif ukoll ir-riskj li pagamenti jiġu miżmuma mis-sistema. Dan ser jiffaċilita, fost affarijiet oħra, ħlas dovut ta' sistemi anċillari, li l-parteċipanti tagħhom ikollhom aċċess għall-likwidità totali disponibbli tal-grupp ta' kontijiet (u l-limiti tal-kontijiet negattivi).

Il-likwidità fuq numru ta' kontijiet jaqta parzjalment l-amministrazzjoni tal-likwidità mill-amministrazzjoni tal-garanziji, minħabba li l-likwidità tista' ssir disponibbli għall-grupp kollu tal-kontijiet mingħajr ċaqlieq ta' garanziji, li jirriżulta fi tnaqqis fl-infiq għal dawk li jagħmlu użu mit-TARGET2. Barra dan, din il-karatteristika ser tnaqqas l-ispiża ta' l-amministrazzjoni ta' ħafna kontijiet f'bank ċentrali wieħed jew f'iżjed, u b'mod effettiv sejra "tinnewtralizza" l-frammentazzjoni tal-likwidità fl-istess jum esperjenzata mill-banek li jkunu f'iżjed minn pajjiż wieħed u li jkollhom bżonn iżommu l-kontijiet f'ħafna banek ċentrali.

### **1.1.2 Possibiltà legali**

Il-likwidità fuq numru ta' kontijiet permezz ta' kont virtwali tista' b'mod ġenerali tkun legalment possibbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti tal-pajjiżi taż-żona ta' l-euro. Il-liġi nazzjonali fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti ta' kważi l-banek ċentrali kollha tista' tippermetti l-użu ta' kontijiet ta' flus kontanti bħala garanzija. Barra dan, il-bilanċi tal-flus kontanti f'dawn il-kontijiet li jkunu fil-kotba ta' bank ċentrali wieħed jistgħu jiġu wżati bħala garanzija favur bank ċentrali ieħor fi kważi l-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha.

F'dak li jirrigwarda l-għoti ta' garanziji lil terzi persuni, ftehim xieraq bejn min ikun qed jagħmel il-garanzija u d-debitur li għad-dejn tiegħu tkun qed issir il-garanzija, jista' jnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' nfunzar legali ta' l-arranġament tal-garanzija għal livell aċċettabbli, għalissa, ħlief għal xi ftit ġurisdizzjonijiet li jinstabu barra ż-żona ta' l-euro.

Hu meħtieġ iżjed analiżi bir-reqqa u xogħol legali sabiex tiġi stabbilita struttura legali soda, li hi kondizzjoni meħtieġa minn qabel biex tkun tista' tiġi offruta din il-karatteristika. L-Ewrosistema ser tanalizza wkoll jekk għandux ikun hemm restrizzjonijiet, mill-aspett legali jew politiku, f'dak li jirrigwarda l-entitajiet, (eż. ferġat, sussidjarji u entitajiet legali separati) li jkunu qed jitħallew jipparteċipaw fi grupp ta' kontijiet.

### **1.1.3 Kontijiet eliġibbli għall-likwidità fuq numru ta' kontijiet**

Wara valutazzjoni bir-reqqa (inkluża l-possibiltà legali), l-Ewrosistema iddeċidiet li l-karatteristika ta' likwidità fl-istess jum fuq numru ta' kontijiet ser tiġi pprovduta fl-SSP għall-kontijiet tal-RTGS biss<sup>1</sup> ta' banek taż-żona ta' l-euro li huma ma' banek ċentrali fiż-żona ta' l-euro.

Madankollu, il-banek kollha, inklużi dawk li mhux ser jitħallew jużaw il-faċilità tal-kont virtwali, ser ikollhom aċċess għal informazzjoni kkonsolidata dwar il-kontijiet.

### **1.1.4 L-interess mill-utenti tat-TARGET u l-ipprezzar**

L-utenti tat-TARGET ġew informati li l-ispiża annwali totali stmata tal-karatteristika ta' likwidità fuq numru ta' kontijiet hi madwar EUR 900,000. Ir-riżultati preliminari ta' studju li sar fuq il-parteeċipanti tas-suq wrew li, fuq din il-bażi, seta jsir użu komuni fuq bejn 60 u 120 kont, b'pagament annwali ta' bejn EUR 7,500 u EUR 15,000 għal kull kont fil-grupp biex ikunu jistgħu jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-karatteristika tal-likwidità fuq numru ta' kontijiet. L-ipprezzar tal-karatteristika ta' informazzjoni konsolidata għandu jsir fix-xhur illi ġejjin.

---

<sup>1</sup> Iżda bl-esklużjoni ta' kontijiet ta' parteċipanti barra ż-żona ta' l-euro minħabba li dawn il-parteeċipanti mhumiex intitolati li jirċievu kreditu fl-istess jum mill-bank ċentrali li jkun qed jilqagħhom.

## 1.2 Kwistjonijiet ta' kontijiet barra s-sistema tal-RTGS

L-Ewrosistema kkunsidrat li jinħolqu kontijiet imsejħa “*home accounts*” li jistgħu jinżammu barra s-sistema tal-RTGS (jiġifieri barra l-Modulu ta' Pagament (PM) ta' l-SSP). Dawn il-kontijiet (*home accounts*) illum qed jiġu l-biċċa l-kbira użati biex jiġu mmaniġġati r-riservi minimi, il-faċilitajiet miftehma (il-faċilitajiet ta' operazzjonijiet li jistgħu jiġu attivati fuq l-inizjattiva tal-kontroparti) u l-garanziji lokali biex isiru pagamenti kull meta jiġu miġbuda l-flus. Barra dan, dawn il-kontijiet qed jiġu wżati biex jiġu rreġistrati it-transazzjonijiet tal-kljenti tal-banek ċentrali li mhumiex (jew ma jistgħux ikunu) parteċipanti fis-sistema tal-RTGS. Fl-ambjent tat-TARGET2, il-kontijiet barra s-sistema tal-RTGS (*home accounts*) jistgħu jinżammu fl-*Standardised Home Accounting Module* (HAM) ta' l-SSP jew fi “*proprietary home accounting application*” (PHA) ta' kull bank ċentrali.

L-Ewrosistema ftehmet li t-transazzjonijiet bejn il-parteeċipanti fis-suq u t-transazzjonijiet b'riżultat ta' ħlasijiet dovuti mis-sistemi anċillari, kif ukoll il-pagamenti li għandhom x'jaqsmu ma' operazzjonijiet fis-suq miftuħ għandhom ikunu fl-aħħar mill-aħħar magħmula fil-PM ta' l-SSP. Madankollu, għal dawk it-tipi ta' transazzjonijiet l-istruttura domestika ta' ftit pajjiżi tista' ma tippermettix li jkun hemm transizzjoni immedjata ta' dawn l-operazzjonijiet lejn l-SSP fil-bidu ta' l-operazzjonijiet tagħha. B'riżultat ta' dan, l-Ewrosistema ftehmet fuq perijodu massimu ta' transizzjoni ta' erba' snin (mill-mument minn meta l-BĊN rilevanti jissieħeb fl-SSP) li fihom għandhom jiġu magħmula l-pagamenti fil-PM ta' l-SSP. Fil-każ ta' sistemi anċillari, hu mistenni li sistemi anċillari ma' l-Ewropa kollha ser jimxu meta, jew ftit wara, li l-banek ċentrali kollha ikunu mxew għall-SSP. Din is-sitwazzjoni għandha terġa tiġi evalwata wara sena minn meta tkun bdiet titħaddem it-TARGET2.

Ċerti operazzjonijiet mal-bank ċentrali lokali (eż. operazzjonijiet ta' maniġġ tar-riservi minimi u r-rikors għall-faċilitajiet miftehma kif ukoll għid ta' flus, jistgħu, skond l-għażla ta' kull bank ċentrali, jew jiġu magħmula fil-PHA lokali tal-bank ċentrali jew fis-SSP (fil-PM jew fil-HAM).

Sabiex tiġi sostnuta l-politika li tirrigwarda l-użu ta' kontijiet barra s-sistema tal-RTGS, il-pagamenti magħmula permezz ta' l-imsemmija kontijiet (*home accounts*) oħra ser jiġu pprezzati f'livell ogħla minn dak normali tat-TARGET2. Dan ser iservi bħala inċentiv biex jitqassar il-perijodu ta' transizzjoni u biex jersqu lejn il-PM ta' l-SSP kemm jista' jkun malajr.

## 1.3 Ħlas dovut minn/lejn sistemi anċillari

L-Ewrosistema kkonsultat il-parteeċipanti fis-suq, li kkonfermaw li s-sitt mudelli ta' ħlas offruti mill-SSP għar-ħlas dovut minn/lejn sistemi anċillari (jiġifieri żewġ mudelli real time u erbgħa batch), kif definiti fl-Ispesifikazzjonijiet Ġenerali Funzjonali, huma neċessarji, minħabba li kull wieħed minnhom iservi skop kummerċjali wieħed jew iżjed. Dawn il-mudelli diġà jirrappreżentaw armonizzazzjoni sostanzjali tal-prassi kurrenti. Barra dan, il-ħlas tal-*cash positions* li jiġi mis-sistemi anċillari għewwa t-TARGET2

għandu jsir direttament fil-kont tal-RTGS tal-parteċipant fl-SSP, irrISPettivament ta' fejn tinstab is-sistema anċillari. Dan jirrapreżenta pass kbir lejn l-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-prassi tas-suq.

F'dak li jirrigwarda pagamenti matul il-lejl, bħalissa m'hemm l-ebda ħsieb li t-TARGET2 ikun miftuħ matul il-lejl. Madankollu, hu previst li jibda l-jum ta' xogħol li jmiss tat-TARGET2 għal żmien predeterminat jibda wara li tkun għalqet il-ġurnata ta' xogħol tat-TARGET2 u wara li jkun għe ffinalizzat l-iproċessar ta' tmiem il-ġurnata. Matul dan il-perijodu ta' żmien, il-likwidità tista' tiġi speċifikament użata biex jiġu mħallsa ċ-ċikli ta' bil-lejl tas-sistemi anċillari. Sussegwentement, il-PM ta' l-SSP ikollu jerġa jiftaħ kmieni u jkollu jipproċessa r-rikjesti tas-sistemi anċillari għall-ħlas qabel is-7.00 a.m. Wara dan, il-likwidità li ma tkunx għet użata għall-ħlas matul il-lejl terġa ssir disponibbli.

Bosta kwistjonijiet oħra li għandhom impatt fuq il-ħlas tas-sistemi anċillari (eż. il-possibiltà ta' l-armonizzazzjoni tal-ħinijiet li fihom isir ir-regolament, l-analiżi ta' l-impatt kollu tal-likwidità fuq l-arranġamenti l-ġodda fit-TARGET2, aspetti ta' politika u strateġija li jistgħu joħolqu mudelli diversi ta' ħlas, aċċess għall-likwidità minn parteċipanti taż-żona ta' l-euro, *self-collateralisation* u l-finalità tal-ħlas eċċ.) jeħtieġu iżjed diskussjoni u elaborazzjoni, li hi ppjanata għall-ewwel nofs ta' l-2005. B'mod partikoalri, kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-koeżistenza tas-SSS li jkunu adottaw mudelli ta' regolament differenti (integrati, mgħaqqda jew iffinanzjati minn qabel), kif ukoll id-dettalji ta' dawn il-mudelli individwali, issa jridu jkomplu jiġu investigati.

## 2. Prezzar

L-Ewrosistema elaborat dwar metodoloġija biex ssir possibbli skema ta' pprezzar doppju għas-servizzi bażiċi tat-TARGET2 li għandhom jippermettu lill-parteċipanti li jgħażlu bejn ħlas għal transazzjoni biss jew ħlas inqas għat-transazzjoni flimkien ma' ħlas perjodiku. Hu maħsub li ser ikun hemm il-prinċipji ewlenin segwenti:

- i. L-iskema għandha tippermetti l-irkupru ta' parti kbira ta' l-ispejjeż totali tat-TARGET2;
- ii. L-ogħla ħlas għal transazzjoni m'għandux ikun iżjed minn EUR 0.80; u
- iii. L-inqas ħlas (marġinali) għal transazzjoni għandu jilħaq l-EUR 0.25 għal kull transazzjoni.

Ġew magħmula ftit eżerċizzji simulattivi sabiex ikun jista' jiġi vverifikat illi l-prinċipji imsemmija hawn fuq huma kompatibbli ma' l-istimi ta' l-ispiża u tal-volum għat-TARGET2. L-Ewrosistema għandha l-ħsieb li fix-xhur li ġejjin toħloq struttura konkreta ta' ħlasijiet għat-TARGET2.

Wieħed għandu jiftakar illi ċerti servizzi li mhux obligatorji (eż. likwidità fuq numru ta' kontijiet u ħlasijiet minn/lejn sistemi anċillari) għandhom jiġu pprezzati separatament.

### 3. Transizzjoni

Il-għan tat-transizzjoni għat-TARGET2 hu li jkun hemm bidla bla problemi mis-sistema kurrenti tat-TARGET għal dik tat-TARGET2 il-ġdid, għall-parteċipanti kollha (banek ċentrali, istituzzjonijiet finanzjarji u sistemi anċillari). Din tkopri l-koordinament ta' l-attivitajiet kollha wara l-iżvilupp tal-komponenti tekniċi tagħha u sakemm il-banek ċentrali kollha jkunu qalbu għall-SSP. B'mod partikolari, din tkopri l-attivitajiet ta' l-ittestjar u l-organizzazzjoni għall-bidla mit-TARGET għat-TARGET2.

L-Ewrosistema kkalkolat il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' transizzjoni f'daqqa meta mqabbla ma' transizzjoni li ssir fi stadji diversi permezz ta' żminijiet stipulati għall-pajjiżi (*country windows*). F'termini konkreti, kieku t-transizzjoni kellha ssir kollha f'daqqa dan ikun ifisser li fl-ewwel jum ta' l-operat tat-TARGET2, il-banek ċentrali kollha u l-utenti tat-TARGET ikollhom jagħmlu transizzjoni simultanja għall-SSP. Mill-perspettiva ta' "faċilitajiet ugwali għall-kulħadd", ikun preferibbli għall-karatteristiċi kollha tat-TARGET2 li jkunu disponibbli fl-istess ħin għall-parteċipanti kollha. Madankollu, kieku l-utenti kollha kellhom jagħmlu transizzjoni mill-pajjiżi kollha għall-SSP fl-istess ħin tpoġġi f'riskju kbir lill-proġett u ma tagħtix lok għall-ebda flessibilità fl-organizzazzjoni tat-transizzjoni għas-sistema l-ġdida.

Għal din ir-raġuni, l-Ewrosistema għażlet transizzjoni f'perijodu ta' żmien għal kull pajjiż (*country window*), u b'hekk tkun qed tħalli lill-utenti tat-TARGET li jaqilbu għall-SSP fi stadji differenti u f'dati ffissati minn qabel. Kull stadju ser ikun jikkonsisti fi grupp ta' banek ċentrali u l-komunitajiet bankarji nazzjonali rispettivi tagħhom. Il-proċess ta' transizzjoni ser jinfirx fuq numru ta' xhur, li matulhom ser jeżistu flimkien kemm il-komponenti tat-TARGET1 kif ukoll l-SSP. Din it-tip ta' transizzjoni magħmulha f'fażijiet ser ikollha tiġi organizzata b'tali mod li r-riskju lill-proġett jitnaqqas. F'din l-istruttura, konsiderazzjoni oħra importanti ser tkun li jiġu mnaqqsa l-problemi ta' faċilitajiet ugwali għal kulħadd kif ukoll l-ispejjeż għall-banek ċentrali u għall-utenti tat-TARGET. Il-perijodu tat-transizzjoni ser ikun limitat għal-massimu ta' sena, filwaqt li s-suppożizzjoni bbażata fuq ix-xogħol li hu ppjanat (ara s-sezzjoni 4) hu li dan iż-żmien għandu jkun iqsar. Għandu jiġi nnutat illi proġetti oħra li għandhom x'jaqsmu ma ħlas ta' pagamenti u li huma ta' daqs simili (eż. CLS, SWIFTNet) ukoll għamli użu ta' transizzjoni f'fażijiet għall-infrastruttura l-ġdida.

L-Ewrosistema ser tiddefinixxi l-perijodi ta' żmien għall-pajjiżi (*country windows*) skond il-bżonnijiet tal-kummerċ. Il-politika ta' l-ipprezzar matul il-perijodu ta' transizzjoni ser tiġi determinata wara li l-perijodi ta' żmien għall-pajjiżi (*country windows*) ikunu ġew stabbiliti u ser tagħmel ħilitha biex tiġi żgurata newtralità massima f'dak li jirrigwarda l-utenti.

#### 4. Il-pjan għall-proġett tat-TARGET2

Fl-istadju kurrenti tal-proġett, qed jiġu previsti l-ġrajjet ewlenin segwenti. Kull wieħed minnhom hu soġġet għal-kompletazzjoni tal-passi preċedenti.

| Tabella dwar il-Ġrajjet Importanti mill-2005 sa l-2007 |                                           |                                                                                                                                                                                                                        |
|--------------------------------------------------------|-------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1.                                                     | Sa tmiem il-Q1 2005                       | Finalizzazzjoni tad-dokument ta' l-Ispifikazzjonijiet Funzjonali Dettalġati ta' l-Utent (UDFS)                                                                                                                         |
| 2.                                                     | April 2005 sa Diċembru 2005               | Kompletazzjoni ta' l-iżvilupp ta' l-SSP                                                                                                                                                                                |
| 3.                                                     | Jannar 2006 sa Marzu 2006                 | Testijiet interni ta' l-SSP                                                                                                                                                                                            |
| 4.                                                     | April 2006 sa Mejju 2006 (tentattiv)      | Testijiet ta' aċċettazzjoni mill-banek ċentrali                                                                                                                                                                        |
| 5.                                                     | Ġunju 2006 – sa Diċembru 2006 (tentattiv) | Testjar mill-klijenti għall-ewwel grupp ta' pajjiżi ( <i>country window</i> ) (L-utenti tat-TARGET li jkunu qed jagħmlu t-transizzjoni f'perijodi taż-żmien iżjed tard jistgħu ukoll jieħdu sehem f'dawn it-testijiet) |
| 6.                                                     | Diċembru 2006                             | Provi reali/attivitajiet fl-ambjent tal-produzzjoni                                                                                                                                                                    |
| 7.                                                     | Jannar 2007                               | Dħul fis-seħħ għall-ewwel grupp ta' pajjiżi ( <i>country window</i> ).                                                                                                                                                 |
| 8.                                                     | Jannar 2007 – Settembru 2007              | Testjar mill-klijenti, provi reali, etc. u dħul fis-seħħ għall-pajjiżi tal-perijodi taż-żmien l-oħra ( <i>other country windows</i> )                                                                                  |

Bank Ċentrali Ewropew 2005

Indirizz: Kaiserstrasse 29, 60311 Frankfurt am Main, Ġermanja

Indirizz postali: Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt ma Main, Germany

Telefon: +49 69 13 44 0

*Website:* <http://www.ecb.int>

Fax: +49 69 13 44 6000

Telex: 411 144 ecb d

Il-Jeddijiet miżmuma kollha. Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa bil-patt li jiġi rikonoxxut dan ir-rapport. Frar 2005.

ISBN 92-9181-563-2 (verżjoni stampata)

ISBN 92-9181-564-0 (verżjoni elettronika)